# *F'Għeluq l-450 sena*

# Birkirkara fl-Assedju l-Kbir 1565

Philip Xuereb

L-għoti tal-gżejjer Maltin mill-Imperatur Karlu V u Re ta' Spanja lill-Ordni Ġerosolmitan tal-Kavallieri ta' San Ġwann fl-1530, kien intlaqa' b'attitudnijiet differenti mid-diversi strati tal-popolazzjoni tal-Gżira. Is-sinjuri u l-kbarat lokali, speċjalment fil-belt tal-Imdina, raw tispiċċa s-supremazija, l-eġemonija, u kultant l-angarija tagħhom, fuq il-bqija tal-popolazzjoni lokali. Dawn tal-aħħar min-naħa tagħhom, sabu li setgħu jmorru għand awtoritajiet ogħla, meta kien jidhrilhom li ċerti deċiżjonijiet kienu jittieħdu kontrihom inġustament imma anke f'każi oħra.[1]




Mill-banda l-oħra, il-gżejjer issa ma baqgħux mitluqin għal rashom bħal dgħajsa mal-kurrent, imbiegħda mill-eqreb tarf ta' Sqallija li minnha kienet tiddependi, imma fl-istess ħin mhux daqshekk bogħod biżżejjed għas-sigurtà, kemm mill-bażijiet ta' furbani Misilmin, speċjalment mill-Afrika ta' Fuq. Għax l-Ordni kien fuq kollox qawwa marittima, għalkemm limitata. Tant li meta stabbilixxa ruħu f'dawn il-Gżejjer, kien għażel li joqgħod il-Birgu, insedjament f'waħda mid-daħliet kennija tal-Port il-Kbir, għar-rdoss tal-*Castrum Maris* jew Forti Sant' Anġlu, fejn seta' jdaħħal ix-xwieni tiegħu u minn hemm jopera bihom, speċjalment fil-*karwani*, kif kienu jsejħulhom, fuq il-baħar mix-xwieni tal-istess Ordni, kif ukoll minn dawk liċenzjati minnhom bħala korsari, kontra ġfien ta' Torok, Misilmin oħra jew dawk li ma kinux itajru bandiera ta' xi stat Nisrani.

U kienet din l-attività aggressiva tagħhom, li kienet baqgħet iddarras sew lis-Sultan Tork, Sulejman il-Manifiku, kif inhu magħruf fil-Punent, li wara li kien keċċihom, bl-unuri,

[1] Hekk fl-1527, allura qabel ma kienu ġew il-Kavallieri, ċertu Wistin Borg u martu, minn Birkirkara stess, kienu qabdu u għalqu għalihom b'ħajt tas-sejjieħ, biċċa art xagħri fl-inħawi tas-Swieqi u Nadur Qallel, illum xi mkien fl-inħawi ta' San Ġiljan u mhux bogħod mill-baħar. In-nies ta' Birkirkara immexxijin minn Ġorġ Lanza Zarb minn Ħal Balzan tellgħuhom il-Qorti, iżda d-deċiżjonijiet ta' dan baqgħu bla effett. L-affarijiet għalhekk baqgħu ma rranġawx għall-Karkariżi li ħadu l-opportunità meta ġew il-Kavallieri u fid-29 ta' Awwissu 1533 reġgħu ressqu l-każ tagħhom quddiem il-Grammastru L-Isle Adam. Dan ġiegħel lill-Ġurati tal-Imdina biex joħorġu bandu li fih jiddikjaraw illegali dak li kienu għamlu l-miżżewġin Borg, u li kulħadd kellu s-setgħa li jwaqqa' l-ħitan li dawn kienu bnew, u li ħadd ma seta' jżomm lil ħadd milli jirgħa l-merħliet tiegħu hemm. – Ara: Fiorini S., *San Ġiljan – mitt sena parroċċa;* (1992) pp34-6.

wara l-assedju ta' Rodi fl-1522, ħarrxitu u ġegħlitu jiddeċiedi li jaqlagħhom bil-qawwa kollha minn dawn il-gżejjer ukoll.



## Jibda l-Assedju

Armata Torka ta' 180 biċċa tal-baħar u xi 39,000 ruħ, dehret riesqa lejn Malta nhar il-Ġimgħa tmintax ta' Mejju 1565. Sa minn xi sentejn qabel, il-Grammastru, li issa kien Fra Jean Parisot de Valette, kien laqqa' l-Kunsill tal-Università tal-Maltin, biex jinġabru taxi għat-tisħiħ tal-fortifikazzjonijiet. Dik is-sena, it-taxxaturi għal Birkirkara kienu Wenzu Ciappara u Pietru Mamo u l-kollettur Ġiljan Cassia. Ġużepp Felice u Wenzu Vassallo kienu l-kapijiet/rappreżentanti tar-raħal. Sentejn wara, f'laqgħa oħra simili, dehru l-kontestabblijiet Ġużeppi Felice u Mattew u Wenzu Vella.

Il-Ħajja fir-raħal tidher li kienet għadha normali sa xi tlett ijiem qabel dehret l-armata Torka, għax dakinhar, aktarx Dun Anton Micallef li kien qed jieħu ħsieb il-parroċċa bħala viċi tal-kappillan Dun Ġużepp Bellia,[2] irreġistra l-magħmudija ta' tarbija u mbagħad kiteb dan il-kumment:

**Poy e venuto larmata[3]**

Waqt li fir-reġistru tal-mejtin, l-istess qassis ħalla din in-nota simili, anzi aktar preċiża:

**Addi 18 maij venne larmata[4]**



---

[2] Bellia nnifsu stqarr dan lill-Viżitatur Appostoliku Dusina fl-1575: *a tempo dell'assedio io non seppellivo, ma donno Mattheo Fava, cappellano del Borgo, et donno Antonio Micallef che era in loco mio qua al Borgo, perchè era qua tutto il-popolo a tempo dell'assedio.* Ara wkoll Borg V. (Mons) *Melita Sacra II – The Maltese Diocese during the Sixteenth Century,* p. 169.

[3] Arkivju Parrokkjali Birkirkara S.E. – Liber Baptizatorum vol. 1.

[4] Ibid. Liber Mortuorum vol. 1.(1557-1615).

La qed insemmu dawn ir-reġistri ta' min jgħid li l-aħħar reġistrazzjoni ta' magħmudija qabel il-wasla tat-Torok kienet fil-15 ta' Mejju, tlitt ijiem biss qabel:

***Die 14 dicti mensis (għal Mejju) ho bap$^{to}$ Joanne f$^{o}$(filio)*** (isem il-missier ma jingħarafx) ***Micallef, patrini per$^{o}$ Gallia et parrochus Bellia***[5]

Dan juri li din il-magħmudija aktarx li kienet xi ħaġa ta' malajr, għallanqas mill-parrinijiet, peress li dawn kienu l-istess Kappillan u ċertu *Pietro* jew *Pietruzzo* Galea, li jidher bħala parrinu f'għadd ta' magħmudijiet oħra fil-paġni ta' reġistrazzjonijiet qabel l-assedju. Nieħdu wkoll li la Bellia, kif jidher minn dir-reġistrazzjoni, kien għadu hawn fl-14 tax-xahar, kien parpar minn hawn bi sbrixx qabel waslu t-Torok.

L-aħħar reġistrazzjoni ta' dfin f'Birkirkara qabel l-assedju, mill-banda l-oħra, kienet fit-23 ta' April, fejn jingħad li kien miet xi ħadd li ismu ma jingħarafx imma li kien minn Ħal Balzan:

***Die 23 apr. fu morto............. d(el) c(asal) Balzan***[6]

Mill-banda l-oħra insibu li l-aħħar żwieġ li kien iċċelebrat qabel il-bidu tal-Assedju l-Kbir kien nhar l-10 ta' Frar:

***Die 10 februarij ho coniugato(?) et spsato Agata f$^{a}$(filia)d'Ambrogio Borg et Julio(?) Galdes de c(asal) Cormj.***[7]

Wara li ngħatat in-nafra bit-tifqigħ tal-kanuni minn fuq il-fortifikazzjonijiet, in-nies tal-armi minn Birkirkara ngħaqdu ma' dawk ta' Ħal Qormi taħt il-Kavallier Kaptan Bernard Blanc, imsejjaħ Valloisin Rovergasco. Bejniethom kien hemm 680 raġel. Dawn għall-ewwel kienu stazzjonati fil-Birgu iżda 'l għada de Valette bagħat lill-kumpanija ta' Birkirkara u erbgħa oħra fl-Imdina biex jgħinu fid-difiża ta' hemm. Xi nies oħrajn minn Birkirkara u nħawi qrib kienu marru jinġabru fil-foss tal-fortizza Sant'Jiermu, saħansitra bil-bhejjem tagħhom, peress li ħasbu li kienet biss xi skorrerija. Għalhekk, billi l-Grammastru kien basar x'seta' jgħaddi mingħalihom meta jibda l-ħbit u fil-25 ta' Mejju kien ħadhom bid-dgħajes minn dak il-forti għall-Birgu u l-Isla, fejn baqgħu tul il-bqija tal-assedju. Iżda ordna wkoll li l-irġiel jibqgħu fil-forti bħala suldati u l-bhejjem tħallew hemm bħala parti mill-ħażna tal-ikel.[8]




Jidher li matul dan l-assedju, parti sew mill-popolazzjoni ta' Birkirkara li ma kinetx nies tal-armi, kienet inġabret ukoll għall-kenn tas-swar antiki tal-Imdina, kif għamlu wkoll in-nies tal-irħula l-oħra fl-istess muniċipalità. Dan jidher mill-fatt li matul dawk ix-xhur tal-assedju, fir-reġistru tal-magħmudijiet tal-Katidral hemm irreġistrati twelidijiet ta' trabi ta' ommijiet li kienu marru hemm minn dawk l-irħula.

---

[5] Ibid. Liber Baptizatorum vol. 1 (1557-1615) p.18.

[6] Ibid. Liber Mortuorum vol. 1.(1557-1615).

[7] Ibid. Lib. Matrim vol 1 (1558-1615 – L-ewwel reġistrazzjoni li tidher f'dan il-volum hija datata għal Jannar 1558, imma minn enumerazzjoni, mhix oriġinali, jidher li kien hemm xi 154 oħra qabel).

[8] Vella E.B., *Storja ta' Birkirkara...* p.65; Coleiro E. Mons., *L-Assedju l-Kbir – Ġrajjiet ta' Kull Jum* p.15.

**Il-Ħbit u l-Waqgħa tal-Forti Sant'Jiermu**

Il-qawwiet ta' Soliman il-Manjifiku mmexxijin mill-Ġeneral Mustafa Baxà u l-Armirall Pjalì Baxà bdew l-ewwel azzjoni tagħhom kontra l-Forti Sant Jiermu, li kien inbena fil-ponta tal-promontorju Xeberras, fejn illum hemm il-Belt Valletta, wara r-razzija ta' Torgħud u Sinan fl-1551, għax riedu jdaħħlu l-flotta f'Marsamxett, billi Marsaxlokk u l-bajja ta' San Tumas, fejn kienu żbarkaw mal-wasla, kienu 'l bogħod minfejn kellu jsir il-qofol tal-ġlied. B'Sant'Jiermu f'ras il-promontorju tal-għolja Xeberras jagħlaq id-daħliet taż-żewġ portijiet, ma setgħux jidħlu.

Għalhekk it-Torok ħabtu għalih bil-kanuni minn fuq il-baħar u minn batteriji li ramaw fejn illum hemm ir-Rikażli, fuq l-istess għolja Xeberras u minn fejn illum hemm fil-Forti Tignè fil-Ponta ta' Tas-Sliema. Din il-batterija saret wara li ngħaqad mal-forzi tal-assedju il-korsar veteran Torgħud Rais, jew kif popolarment aktar magħruf, Dragut, b'kontinġent ta' 13-il xini u żewġ galjotti minn Tripli. Wasal ukoll Uluj Alì (Lucialli) b'erba' xwieni minn Lixandra. L-impostazzjonijiet Torok fuq il-Ponta ta' Tas-Sliema u l-għolja Xeberras, kienu qrib sew ta' Birkirkara, anzi tal-ewwel kien fil-limiti tagħha. U billi l-kamp ewlieni rmawh fil-witja tal-Marsa, li anqas ma hija 'l bogħod, wieħed jista' jaħseb li dan ir-raħal ma ħelishiex mill-iskorreriji tagħhom.

L-attakki fuq Sant'Jiermu bdew bil-bumbardamenti nhar it-Tnejn 28 ta' Mejju. Taħt din l-istess data nsibu reġistrazzjoni ta' Karkariż li kien miet f'dan il-forti. Tinsab wara l-frażi li biha l-kappillan, jew aħjar min kien floku kien irreġistra l-wasla tal-armata Torka:

***Die 28 dicti mensis** (Mejju) **morsi Blasius Micallef in S$^{to}$ Eramo**[9]*

Aktarx li s'issa, dan hu l-uniku ħjiel li għandna ta' Karkariż li miet fl-azzjoni f'dan



[9] **A.P.B.S.E.** *Liber Baptiżatorum* Vol 1, (1557-1616)

l-assedju. Ma nafux s'issa, u forsi l-anqas għad insiru nafu, jekk kienx hemm irġiel Karkariżi oħra li messithom l-istess xorti fl-istess Forti. U dan kien probabbli ħafna la l-irġiel fost dawk li kienu marru għall-kenn ta' Sant'Jiemu malli faqqa' l-assedju, b'ordni tal-Grammastru de Valette kienu tħallew biex jiġġieldu fl-istess forti u ma ttiħdux lejn il-Birgu u l-Isla man-nies l-oħra li kien hemm.

Din ir-reġistrazzjoni tal-mewt fil-forti Sant'Jiermu ta' Blasju Micallef tista' turi wkoll li r-reġistri tal-parroċċa ta' Birkirkara kienu jinsabu fil-Birgu waqt l-assedju, forsi wkoll għax Dun Anton Micallef kien ma' dawk li marru għall-kenn ta' dan il-forti u mbagħad kienu trasferiti għall-Birgu. Dan qed jingħad ukoll għax l-aħbar tal-mewt ta' Blasju aktar setgħet waslet fil-Birgu, milli fl-Imdina, mad-dgħajjes li għall-ewwel kienu jintbagħtu fis-satra tal-lejl b'għajnuna lill-forti u mbagħad kienu jmorru lura l-Birgu, fejn Dun Anton Micallef irreġistraha.

Il-Forti Sant'Jiermu ma waqax qabel nhar it-23 ta' Ġunju, u mat-8,000 Tork li mietu biex ħaduh, kien hemm ukoll il-famuż Torgħud Rais. Id-difensuri wkoll, madanakollu, kienu tilfu 1,500 ruħ. Torgħud miet fuq il-batterija ta' kanuni li kien waqqaf hu stess għal fuq il-forti Sant'Jiermu, fuq il-ponta ta' Tas-Sliema, fejn illum hemm il-Forti Tigne u li baqgħet magħrufa bħala l-*Ponta ta' Dragut*.[10] Dak iż-żmien dan kien fit-territorju ta' Birkirkara.

'L għada tal-waqgħa ta' Sant' Jiermu, billi deher li t-Torok kienu se jaħbtu għall-Birgu u l-Isla, li s-swar tagħha anqas biss kienu tlestew kif suppost qabel beda l-ġlied, De Valette bagħat iniżżel xi kontinġenti tal-Milizzja mill-Imdina. Fost dawn kien hem mil-kontinġent ta' Birkirkara bil-Kaptan Bernard Blanc. Kellhom jeħduha bid-dawra t-twila man-Nofsinhar tal-gżira, billi l-kampanja kienet mimlija bit-Torok. Il-kontinġent Karkariż kien stazzjonat fil-Birgu. Dawn kienu madwar 600 ruħ.[11] Did-darba wkoll, suldati Torok kienu marru fl-inħawi ta' Birkirkara biex jaqtgħu siġar għall-injam li kienu jinħtieġu għat-twaqqif tal-batteriji tagħhom.



## L-Aħħar Fażi tal-Assedju

L-Assedju l-Kbir, kif baqa' magħruf, tawwal xahrejn u nofs oħra. Nhar is-Sibt 18 ta' Awwissu, jum Santa Liena hekk għażiż għall-Karkariżi, seħħ wieħed mill-aktar attakki qawwija u perikolużi, li matulu kien hemm waqt meta kollox deher mitluf. Il-mexxejja Torok taw assalt qawwi fuq il-qagħdiet kollha tal-Birgu

[10] Għalkemm sew minħabba l-forti msemmi kif ukoll minħabba l-iżvilupp li sar dan l-aħħar, l-inħawi llum jissejħu *Tigne Point*.

[11] Coleiro E. Mons., op.cit., p. 47.

u l-Isla f'salt. Is-suldati Torok kien għoddhom daħlu l-Birgu, iżda treġġgħu lura bi sforz qawwi. U wara diversi attakki oħra li ngħelbu wkoll, it-Torok irtiraw għal darb'oħra minn taħt is-swar tal-Birgu u l-Isla.

Għaxart ijiem wara, fit-28 ta' Awwissu, xi ħamsin Tork daħlu fir-raħal ta' Ħal Lija, li dak iż-żmien kien għadu parti mill-parroċċa ta' Birkirkara, iżda tkeċċew minn truppa li kienet toħroġ tħuf mill-Imdina, u qatlu tnax minnhom. Mit-truppa li ħarġet mill-Imdina f'din it-tabxa miet wieħed ukoll. [12]

Din l-invażjoni ġiet fi tmiemha mal-wasla ta' kontinġent ta' għajnuna mingħand il-Viċirè ta' Sqallija, li għall-ewwel telgħu l-Imdina. It-Torok basru li dan il-kontinġent seta' kien akbar milli fil-fatt kien. Dan kien nhar is-6 ta' Settembru, u l-għada t-Torok bdew jimbarkaw biex jitilqu. Imma meta l-mexxejja tagħhom indunaw li l-għajnuna li kienet waslet lill-Kavallieri u Maltin ma kinitx kbira ħafna, reġgħu niżżlu s-suldati l-art. Pjalì ħareġ il-flotta minn Marsamxett u daħal biha f'San Pawl il-Baħar.

Mustafà b'xi 10,000 ruħ miegħu telgħu mill-Imsida lejn Birkirkara ħalli jitilgħu għall-Imdina. F'din il-mogħdija tagħhom għal darb oħra ħarqu l-irħula kollha li għaddew minnhom, jissemma b'mod partikulari Ħ'Attard, li wkoll kien għadu jagħmel parti mill-parroċċa ta' Birkirkara fi żmien l-Assedju l-Kbir.[13] Il-kontinġent ġdid tal-għajnuna ħareġ għalihom mill-Imdina u sat-13 ta' Settembru, il-flotta Torka kienet ħarġet minn San Pawl il-Baħar u tbiegħdet mix-xtut Maltin.

## Wara l-Assedju

Jidher li l-Karkariżi, għallanqas xi wħud minnhom, ma damux ma reġgħu marru lura lejn raħalhom wara l-Assedju l-Kbir. Dan għaliex insibu lil Dun Anton Micallef, li kien għadu jagħmilha minflok il-kappillan Bellia, difen persuna f'Settembru stess tal-1565. Kien l-10 jew 20, probabbilment aktar din tal-aħħar, għax ir-reġistru llum ma jingħarafx sew.

Għall-ewwel reġistrazzjoni ta' magħmudja, madankollu, riedu jgħaddu mas-sitt xhur oħra sa April tal-1566, għallanqas dak li jista' jidher ċar mir-reġistru.[14] Din hija enumerata bħala 347, iżda hemm indikazzjoni li kien hemm tnejn oħra qabel.

Rigward żwieġ, l-ewwel ma nsibu hu reġistrat bid-data tas-6 ta' Jannar 1567 bejn Agata(?) bint il-mejjet(?) Matteo Borg u Francesco Micallef.

**Die 6 januarii 1567 ho coniugato(?) et sposato Agata(?) f^a^ q(uondam ?)**

Matteo Borg et Fran^co^ Micallef

Forsi ż-żwiġijiet kienu reġgħu bdew jsiru daqshekk tard għax is-sena ta' wara reġa' kien hemm biża' kbir ta' xi attakk imminenti ieħor mit-Torok.

Forsi wieħed jistagħġeb kif it-Torok kienu reġgħu rmaw għall-gwerra hekk malajar. Iżda wieħed irid jiftakar li l-flotta tagħhom bħala tali ma tħarbtitx fl-Assedju l-Kbir. Anqas wara d-disfatta kbira ta' Lepanto fl-1571, sitt snin biss wara l-assedju ta' Malta, fi żmien sena

---

[12] Vassallo G. A. *Storja ta' Malta*. p. 135

[13] Ta' min ifakkar li fil-Viżta Pastorali ta' Mons Pietro Dusina fl-1575, għaxar snin wara l-Assedju l-Kbir, ħafna knejjes kienu nstabu bla bibien f'ħafna nħawi tal-gżira, inkluża Birkirkara u l-inħawi tagħha. Dan għaliex waqt l-Assedju nnifsu, l-invażuri Torok kienu daru kullimkien ifittxu sa kull laqxa njam li setgħu jsibu, imqar għall-ħatab, għall-ħtiġijiet li seta' kellhom. Wara kollox, minbarra l-bibien, ftit seta' kellhom "għamara" dak iż-żmien id-djar tal-Maltin – forsi xi senduq, mhux ornamentali, fejn jerfgħu ħwejjeġ, xi mejda u siġġijiet jew banketti, xi sodda u hekk. L-injam minn dejjem kien skars.

[14] **A.P.B.S.E.** *Liber Baptiżatorum* Vol 1, (1557-1616)

kienu reġgħu rmaw flotta oħra. Għalhekk fl-1566, f'Malta kienu nġabu bosta suldati mill-kontinent, fosthom 3,000 Ġermaniż, li l-Grammastru ordna li jkunu stazzjonati f'Ħal Qormi u Birkirkara. Dawn is-suldati barranin damu hawn sat-8 ta' Awwissu, għax l-allarm kien għadda, billi l-armata li kienu ħejjew it-Torok kienet marret lejn l-Ungerija.[15] Madankollu dan seta' jfisser li l-Karkariżi kellhom jabbandunaw djarhom sakemm dawn is-suldati kien għadhom hawn.

Nafu li r-raħal ta' Birkirkara kien reġa' tħarbat fl-Assedju l-Kbir. Imma ma nistgħux inkunu nafu wisq x'seta' kien salvat. Jidher li bħala struttura kienet salvat, forsi mhux mingħajr ħsara, il-knisja parrokkjali, dik medjevali, li kien hemm fl-Imrieħel. U bħalha jidher li kienu salvaw ukoll b'mod jew ieħor, għadd ta' knejjes filjali fir-raħal innifsu u oħrajn rurali li kienu mxerrdin fil-limiti tal-parroċċa. Dan joħroġ indirettament mir-rapport tal-Viżta Pastorali ta' Mons. Dusina tal-1575, għaxar snin wara l-Assedju. Iżda joħroġ ukoll li għadd ta' knejjes kienu mħarbtin wisq u kellhom jiġu pprofanati.

Aktarx li l-istess jista' jingħad għad-djar tar-raħal, għalkemm minn dak li għadna kif għedna rigward il-qagħda ta' suldati barranin fir-raħal, jidher li b'xi mod id-djar tar-raħal ġew utilizzati bħala *akkampament.* Dan jista' jfisser ukoll għaliex jidher li l-ħajja damet mhux ħażin ma reġgħet ġiet għan-normal wara l-Assedju l-Kbir, speċjalment kif jidher mir-reġistri parrokkjali tal-ħabta. Jista' jkun ukoll għalhekk li għadd ta' nies, familji sħaħ, jew kienu għadhom joqogħdu fejn kienu sabu kenn fl-Assedju, l-aktar l-Imdina, peress li l-Birgu wkoll kien qala' damdima sew fl-attakki. Jew inkella kienu marru joqogħdu għal xi żmien fi rħula oħra, li forsi ma tantx kienu ġarrbu ħsara daqs Birkirkara.

Wieħed illum ma tantx jista' jkun jaf jekk għadx hemm djar, fil-qalba tar-raħal, li jmorru lura fiż-żmien għal qabel l-Assedju l-Kbir. Għalkemm ċerti ħnejjiet li qed jidhru f'ċerti faċċati ta' djar meta jinbarxu mit-tibjid, żebgħa jew kisjiet ta' siment, huma ta' stil medjevali. Biss jidher li din it-tip ta' ħnejja baqgħet tintuża anke fl-aħħar tas-seklu sittax sa fis-snin bikrin tas-seklu sbatax[16] u forsi mhux f'Malta biss.

Is-sitwazzjoni tal-popolazzjoni ta' Birkirkara jidher li kien għadha batuta wkoll fl-1573, meta ż-żewġ Konnestabili jew rappreżentanti tar-raħal, Ġużeppi Feliċi u Xmun Borg, irrappurtaw lill-Ġurati tal-*Universitas* tal-Imdina u lill-Kaptan tal-Virga, li minħabba l-gwerer u l-qerda li kienet saret, u dan għal tul ta' snin, in-nies ta' Birkirkara kienu saru *poverissimi*, hekk li d-djar tagħhom anqas kien għad kellhom bibien. Komplew jgħidulhom li ma kellhomx flus biex iħallsu l-qbiela, u anqas għal-laħam li kienu xtraw bid-dejn biex jieklu. Fuq dan kollu mbagħad, kellhom iħallsu taxxi biex ikun jista' jinxtara laħam għas-suldati Taljani li kienu nġabu għall-ħarsien tal-gżejjer. Għalhekk, komplew il-*Konnestabili*, billi n-nies ta' Birkirkara ma setgħux jagħmlu dan, minflok flus, kienu offrew lilhom infushom biex iservu 'l Alla u jaqdu l-ħtiġijiet tal-pajjiż.[17]

Sadattant iżda, jidher li sa tliet snin wara dan, il-qagħda kienet bdiet titranġa. Dan neħduh mill-fatt li f'dik is-sena f'Birkirkara kien l-akbar għadd ta' nies biż-żwiemel fost l-irħula u l-bliet tal-gżejjer, 140 wieħed. B'kuntrast, il-belt Valletta, li naturalment kienet għadha qed

[15] Vella E.B., op.cit., p. 72.

[16] Ara ezemplar fi Triq San Kristofru l-Belt, bejn Triq ir-Repubblika u Triq San Federiku. F'Birkirkara nnifisha, l-awtur preżenti innota mhux anqas minn 7 ħnejjiet minn dawn f'toroq f'Ħas-Sajjied, Triq il-Bwieraq (Kostantinu), Triq San Ġiljan u fl-inħawi ta' Triq il-Kbira.

[17] SAL; *Birkirkara – Storja, Kolleġġjata u Knejjes Filjali* (2005) p.97 li jikkwota LPV: Ms.387, p.346.

tinbena, kellha 35 nies biż-żwiemel.[18] Jista' jkun li sal-1576, kienu marru lura fir-raħal xi nies li kien għadhom ma rritornawx wara l-Assedju, u li waqt li dawk li kienu diġà rritornaw kienu nies tar-raba' u snajja' ancillari, li kienu jaqilgħuha u jikluha, issa kienu ġew nies li kienu aktar tat-tajjeb[19].

Fis-snin ta' wara l-Assedju l-Kbir, il-popolazzjoni ta' Malta reġgħet bdiet tirkupra, kif jidher kemm meta wieħed jistudja r-reġistri tal-magħmudijiet kif ukoll taż-żwiġijiet. U Birkirkara ma kinitx eċċezzjoni. Dan jista' jkun spjegat mill-fatt li l-ibliet ta' mal-Port il-Kbir, kemm il-belt ġdida Valletta li kienet qed tinbena, imma wkoll dawk tan-naħa l-oħra, fejn barra r-rikostruzzjoni kien hemm ukoll ix-xogħol marbut mal-flotta tal-Ordni, kienu bdew jiġbdu lejn irħula qrib, bħal Birkirkara, nies minn irħula aktar imbiegħda, għax kienu konvenjenti biex jilħqu x-xogħol li kien ikollhom f'xi waħda mill-ibliet imsemmija. Hekk l-istess Birkirkara li fl-1576 kellha popolazzjoni ta' 1,415, sal-1559 kellha 3,281, aktar mid-doppju.[20]

---

[18] Ibid.

[19] Fost dawn seta' kien hemm nies li issa stabbilew ruħhom f'Birkirkara minħabba l-qrubija tagħha mal-belt kapitali ġdida li kienet qed tinbena, bħal ma kien ġara fl-aħħar snin tas-seklu dsatax wara li beda s-servizz tal-ferrovija.

[20] Cassar C., *Society, Culture and Identity in Early Modern Malta*. (2000) pp. 129,130.




**Email:** joeautoparts@onvol.net
**Website:** www.joeautoparts.com

JOEM PITSTOP LTD.

AUTOPARTS

**JOEM Pitstop Ltd**
275, Fleur De Lys Road, Birkirkara
**Tel:** 2144 1788
**Mob:** 99012871

**JOEM Autoparts Ltd**
68, Birkirkara Road, St Julians
**Tel:** 2133 7074, 2134 1138
**Mob:** 99015322

BOSCH Invented for life

FILTRON®

ZF

SACHS

DAYCO